



Brussell, 31 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13588/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0900(COD)

JUR 521
COUR 37
INST 416

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Emenda għall-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - Approċċ ġenerali

1. Fis-26 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet talba skont l-Artikolu 281 TFUE għal emenda għall-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li kellha erba' komponenti prinċipali, li jikkonsistu fi i) it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kompetenza biex fil-prinċipju tiddeċiedi, fl-ewwel istanza, dwar ċerti kategoriji ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 108(2) u l-Artikoli 258 u 259 TFUE; ii) l-attribuzzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tar-responsabbiltà ta' trattament tar-rikorsi għal annullament marbuta man-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti skont l-Artikolu 260 TFUE; iii) l-introduzzjoni, għal ċerti kategoriji ta' appelli, ta' proċedura li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel tiddetermina jekk ċerti appelli jkunux jistgħu jipproċedu; u iv) l-armonizzazzjoni tat-terminoloġija (id-dokument 7586/18).
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Qorti tal-Ġustizzja eżamina din il-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-20 ta' April, it-8 ta' Ġunju u t-18 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha dwar it-talba mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Lulju 2018 (id-dokument 11076/18).

3. Fid-dawl ta' dan l-iskambju ta' fehmiet, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja bagħat ittra lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fejn iddikjara li, għalkemm ma kien hemm l-ebda diffikultà partikolari fir-rigward tal-komponenti ii) sa iv) tat-talba, l-istess ma jistax jingħad, madankollu, dwar it-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tal-kompetenza biex tiddeċiedi, fl-ewwel istanza, dwar ċerti kategoriji ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li ġew riflessi, b'mod partikolari, fl-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Lulju 2018. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll ix-xewqat ta' għadd ta' partijiet li wieħed jistenna sakemm il-benefiċċji tar-riforma tal-istruttura tal-qrati tal-Unjoni Ewropea jkunu ġew irrealizzati bis-sħiħ.
4. Il-Qorti b'hekk stiednet lil-leġislatura tal-Unjoni Ewropea tiddifferixxi għal stadju aktar tard l-eżami tal-komponent tat-talba li jirrigwarda t-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kompetenza biex tiddeċiedi, fl-ewwel istanza, ċerti kategoriji ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li jista' jkun is-suġġett ta' emendi ulterjuri proposti mill-Qorti, u biex tagħti prijorità lit-trattament tat-tliet komponenti l-oħra ta' dik it-talba.
5. F'dan l-isfond, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat fl-10 ta' Awwissu 2018 talba modifikata li kien fiha biss dawk il-partijiet tal-proposta li ma kinux problematiċi. Din it-talba modifikata ntbagħtet għal osservazzjonijiet bil-miktub lill-Istati Membri.
6. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni tat opinjoni favorevoli dwar l-abbozz modifikat (id-dokument 13587/18).
7. Jidher li, fid-dawl ta' dawn l-iskambji reċenti, hemm qbil ġenerali dwar it-test fl-Anness għal dan id-dokument fost id-delegazzjonijiet.
8. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sur Tiemo Wölken (S&D, Ġermanja) bħala rapporteur. Huwa ppreżenta l-abbozz ta' rapport tiegħu lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fit-22 ta' Ottubru 2018.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova t-test ippreżentat fl-Anness għal dan id-dokument, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2018.

ta'...

li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 256(1) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' ...¹,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' ...²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja³,

Billi:

- (1) Flimkien mal-istedina li tinsab fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet, flimkien mal-Qorti Ġenerali, rieżami ġenerali tal-kompetenza eżerċitata minnhom u qieset jekk, minħabba r-riforma tal-istruttura tal-qrati tal-Unjoni Ewropea prevista mir-regolament imsemmi hawn fuq, jenhtiegħ li jsiru ċerti bidliet lid-distribuzzjoni ta' kompetenza bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew lill-mod li bih jiġu trattati l-appelli mill-Qorti tal-Ġustizzja.

¹ Talba tas-26 ta' Marzu 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), kif emendata fl-10 ta' Awwissu 2018.

² Opinjoni tal-11 ta' Lulju 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u tat-23 ta' Ottubru 2018.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

- (2) Kif iddikjarat fir-rapport li ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemm ebda hteġa, f'dan l-istadju, li jiġu proposti bidliet fir-rigward tal-mod li bih jiġu ttrattati r-rinviji għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari jikkostitwixxu l-element fundamentali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea u jiġu ttrattati bla dewmien u konsegwentement bħalissa mhuwiex meħtieġ trasferiment lill-Qorti Ġenerali ta' kompetenza li tisma' u tiddetermina rinviji għal deċiżjoni preliminari, f'oqsma speċifiċi stipulati mill-Istatut tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Ir-rieżami mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali madankollu kixef il-fatt li, meta tiddeċiedi dwar rikors għal annullament miġjub minn Stat Membru kontra att tal-Kummissjoni relatata ma' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260(2) jew (3) TFUE, il-Qorti Ġenerali tista' tiltaqa' ma' diffikultajiet serji fejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat ma jaqblux dwar l-adekwatezza tal-miżuri adottati minn dak l-Istat biex jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dawk ir-raġunijiet, jidher li hu meħtieġ li tiġi rizerwata b'mod esklużiv għall-Qorti tal-Ġustizzja litigazzjoni dwar somma f'daqqa jew pagament ta' penali impost fuq Stat Membru skont id-dispożizzjonijiet imsemmija tat-TFUE.
- (4) Barra minn hekk, mir-rieżami mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali huwa ċar li ħafna appelli huma relatati ma' kawżi li jkunu diġà ġew ikkunsidrati darbtejn, inizjalment minn awtorità amministrattiva indipendenti, imbagħad mill-Qorti Ġenerali, u li ħafna minn dawk l-appelli jiġu miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li ma jkunux ġustifikati jew għar-raġuni li jkunu manifestament inammissibbli. Sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tikkonċentra fuq il-kawżi li jirrikjedu l-attenzjoni sħiħa tagħha, huwa meħtieġ, fl-interessi tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li jiġi introdott, għal appelli relatati ma' tali kawżi, mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti li appell jipproċedi, kompletament jew parzjalment, biss fejn iqajjem kwistjoni li tkun sinifikanti fir-rigward tal-unità, il-konsistenza jew l-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni.
- (5) Konsegwentement, huwa meħtieġ li l-Protokoll Nru 3 dwar l-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiġi emendat, filwaqt li jiġi żgurat, fl-istess ħin, li t-terminoloġija tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll u dik tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-TFUE jkunu allinjati bis-sħiħ, u biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet transizzjonali adatti fir-rigward tal-eżitu ta' kawżi li jkunu pendenti fid-data ta' meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ,

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 3 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 51 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 51

Permezz ta' deroga mir-regola stipulata fl-Artikolu 256(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa, il-kompetenza għandha tiġi riżervata għall-Qorti tal-Ġustizzja:

(a) fl-atti imsemmija fl-Artikoli 263 u 265 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jittressqu minn Stat Membru kontra:

- (i) att leġislattiv, att tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill, jew kontra nuqqas ta' azzjoni minn waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet, ħlief għal:
 - deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - atti tal-Kunsill adottati skont regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jipproteġu l-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - atti tal-Kunsill li permezz tagħhom il-Kunsill jeżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- (ii) att jew nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 331(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(b) fl-atti msemmija fl-Artikoli 263 u 265 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jittressqu minn istituzzjoni tal-Unjoni kontra att leġislattiv, att tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew, jew kontra nuqqas ta' azzjoni minn waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet;

(c) fl-atti msemija fl-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jitressqu minn Stat Membru kontra att tal-Kummissjoni relatat ma' nuqqas ta' eżekuzzjoni adegwata ta' sentenza mogħtija mill-Qorti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(2) jew it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 58a

Appell li jitressaq kontra deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord ta' appell ta' wieħed mill-uffiċċji u l-aġenziji li ġejjin ma għandux jipproċedi sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel ma tiddeċidix li dan ikun possibbli:

- (a) l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea;
- (b) l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti;
- (c) l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;
- (d) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Appell għandu jkun jista' jipproċedi, kompletament jew parzjalment, f'konformità mar-regoli dettaljati li jinsabu fir-Regoli ta' Proċedura, fejn iqajjem kwistjoni li tkun sinifikanti fir-rigward tal-unità, il-konsistenza u l-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni.

Id-deċiżjoni dwar jekk l-appell għandux jitħalla jipproċedi għandha tkun ġustifikata u ppubblikata."

Artikolu 2

Kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont il-Protokoll Nru 3 kif emendat minn dan ir-Regolament, li għalihom tkun invokata l-Qorti Ġenerali fi ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] iżda li fir-rigward tagħhom il-parti bil-miktub tal-proċedura għad trid tingħalaq sa dik id-data, għandhom jiġu assenjati lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 3

Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58a tal-Protokoll Nru 3 ma għandhiex tkun applikabbli għal appelli li għalihom tkun invokata l-Qorti tal-Ġustizzja fi ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill

Il-President Il-President